# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2371

**Kaz Numru 2965/CC** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**David Calleja**

**u**

**Peak Leisure Limited**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ingusta**

**<u>Chairman : Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)</u>**

**Nhar l-Erbgha 11 ta' Marzu, 2015**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant David Calleja fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar l-1 ta' Novembru, 2011, fejn sostna li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu hija wahda ngusta. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li l-impjieg ta' l-Appellant kien gie terminat ghal raguni valida fil-ligi.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm sittax-il seduta fejn sema' l-provi prodotti miz-zewg nahat u evalwa d-dokumenti kollha kif prezentati, kif ukoll it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stabbilit mil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi, kif ukoll minhabba diversi talbiet ghal differimenti mitluba miz-zewg partijiet.

- **Rapprezentanza**

David Calleja li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kien assistit mill-Avv. Richard Galea Debono.

Peak Leisure Limited li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta' ntimata kienet irraprezentata minn Steve Aquilina (Direttur) assistit mill-Avv. Ian Spiteri Bailey .

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant gie ngaggat mas-Socjeta' ntimata fl- 1 ta' Gunju, 2010, bhala *Head Chef* fl-Iscarlet Lounge Restaurant, fejn apparti li kien jimmaniggja l-kcina kien ukoll jordna l-affarijiet li kien ikun hemm bzonn fil-kcina minghand l-agenti. Bhala membru tal-*Management* kien jahdem 48 siegha fil-gimgha, b'salarju medju ta' €1,570 fix-xahar.

Fil-5 ta' Lulju, 2011, l-Appellant kien gie mwissi formalment minn Steve Aquilina fil-kapacita tieghu bhala Direttur tas-Socjeta' ntimata ghaliex skond Aquilina, huwa kien ha *leave* minghajr ma kien avzah u wkoll ghaliex kien qabad u ngagga *Chef*, anke hawn minghajr il-kunsens tieghu.

Nhar is-7 ta' Lulju, 2011, l-impieg tal-Appellant gie mitmum ghaliex skond Steve Aquilina, l-Appellant kien skartat minn fuq il-post tax-xoghol bejn is-19.15 u 20.50, bl-Appellant isostni li kien fuq '*break*'.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Polina Sultanova** xehdet li qabdet tahdem fl-Iskylight Lounge nhar l-1 ta' Gunju, 2011. Hija qalet li taf lil Jarbo bhala *Restaurant Manager*, fejn huwa kien jaghmel supervizjoni generali .
Hija stqarret li nhar is-7 ta' Lulju, 2011, bejn is-6 u 7 ta' fil-ghaxija, Jarbo qal li ser jillarga minn fuq il-post tax-xoghol sabiex jiehu l-*break*, fejn dam siegha. Kompliet li dakinhar maghha kien hemm xoghol Daniela, l-barman u zewg *Chefs*, John u David Calleja.
Sultanova qalet li dak il-hin li Jarbo ma kienx fuq il-post tax-xoghol, zviluppaw zewg problemi. Wahda kienet fil-*computer system* meta l-*printer* tal-kcina ma bediex jahdem, fejn allura l-ordnijiet kellhom isiru b'mod manwali, xi haga li naqqset ir-ritmu tax-xoghol u l-problema l-ohra kienet fis-sistema tad-*discount vouchers*, fejn il-klijenti jinghataw skont ta' 5%

fil-kont meta jipprezentaw tali *vouchers*. Peress li t-tnaqqis fil-kont permezz ta' dawn il-*vouchers* seta' jigi affettwat biss mill-*Manager,* fl-assenza ta' Jarbo tali skont ma setax isir. Dan, skond Sultanova, holoq imbarazzament mall-klijenti li kienu prezenti . Hija qalet f'dak il-hin kien hemm bejn hames u seba' mwejjed bix-xoghol minn massimu normali ta' tlettax il-mejda. Hija stqarret li ma kienetx taf jekk Jarbo halliex in-numru tal-*mobile* ma' xi hadd, biex jekk tinqala xi problema jcemplulu, pero' zgur li liha ma qalilha xejn. Meta mistoqsija jekk tafx fejn kien David Calleja fil-hin li Jarbo ma kienx fuq ix-xoghol, Sultanova qalet li huwa qatt ma qalilha fejn kien, pero' ma kienx fir-*restaurant*. Sultanova kompliet li meta Jarbo rritorna lura fuq ix-xoghol ma kelliex cans tghidlu bil-problema tal-*vouchers* ghaliex huwa ma kellimiex peress li baqa' niezel dritt fl-ufficcju, fejn ftit tal-minuti wara waslu ukoll Steve id-Direttur u Louise. F'xi hin wara, Jarbo qal lill-istaff prezenti li gie mkecci mix-xoghol.

**John Munro'** xehed li nhar l-4 ta' Lulju, 2011, beda xoghol fil-11.30 u baqa' sakemm ghalaq ir-*restaurant*. Qal li dakinhar Calleja kien Sqallija u fix-xift ta' fil-ghaxija, minfloku gie jahdem *chef* gdid. Munro kompla li mill-mod kif beda jahdem dan ic-*chef* wera li kien nieqes minn certa esperjenza u konsegwenza ta' hekk ix-xoghol beda jaqa' lura, f'lejla, fejn kellhom madwar 90 ordni. Munro qal li sa fejn jaf hu, dan ic-*chef* ingaggah Calleja, u dan ghaliex l-ghada u cjoe fil-5 ta' Lulju, 2011, meta qal b'dak kollu li gara fil-lejla ta' qabel lil Steve id-Direttur, dan indikalu li ma kien jaf b'xejn. Fil-fatt ftit tal-hin wara, Steve cempel lil Calleja fejn meta kienu fl-ufficcju smajthom jargumentaw.
Munro xehed li nhar is-7 ta' Lulju, 2011, huwa kien xoghol mis-18.00 sakemm ghalaq ir-*restaurant.* F'xi s-19.00, Calleja qallu li sejjer jiehu *break* u avzah sabiex icempillu jekk ix-xoghol jizdied. Ghal habta tat-20.15 beda jizdied ix-xoghol u x-xhud qal li cempel darbtejn lil Calleja, pero' ma rnexxilux jaghmel kuntatt mieghu. Munro xehed li dakinhar, zviluppat hsara fil-*computer system* meta l-*printer* tal-kcina ma bediex jahdem, fejn allura l-ordnijiet ma bediex jircevijhom b'mod elettroniku, x-xhud qal li meta gieli zviluppat tali problema Calleja kien jaf jirrangaha. Ix-xhud kompla li ghal habta tad-21.00, l-Appellant gie lura, fejn beda jirrabja mieghu ghaliex ma cempillux galadarba x-xoghol kien zdied. Ix-xhud qal lil Callejja li huwa kien ipprova jaghmel hekk izda ma setax jaqbdu bit-telefon. Munro' kompla jixhed li f'dak il-hin l-Appellant qallu li kien mar jiehu *drink* ma' Ashraf Jarbo u li Steve d-Direttur cemplilhom fejn zviluppa argument shun. F'xi hin wara l-22.30 Calleja nfurmah li kien tkecca mix-xoghol, fil-fatt ha l-affarijiet personali tieghu u telaq.

**Giuseppe Volpe** xehed li huwa kien jadem fl-Iscarlet Restaurant bhala *bar tender* bejn Mejju 2010 sa ftit tax-xhur ilu. Dwar dak li gara nhar is-7 ta' Lulju, 2011, Volpe qal li ghal habta tas-19.00 David Calleja u Ashraf Jarbo qalulu li ser johorgu barra ghal ftit hin fuq *break* . Xi 45 minuta wara cempel Jarbo fejn staqsieh dwar l-andament tax-xoghol, fejn huwa qallu li kien hemm hames imwejjed okkupati minn madwar hmistax il-klijent. Ix-xhud qal li Jarbo qallu li ser jirritornaw kemm jista jkun malajr.
Ix-xhud kompla li Calleja u Jarbo gew lura ghal habta tad-21.00 fejn Calleja beda jirrabja ghax ma cemplulhomx galadarba x-xoghol kien zdied. Ftit tal-mumenti wara, x-xhud qal li dahlu fir-*restaurant* Steve d-Direttur u Louise il-*Manager*. Fejn wara xi ghaxar minuti ra lil Jarbo jitlaq mir-*restaurant*. Xi ghoxrin minuta wara ra lil Callejja jitlaq il-barra fejn kien qed igorr l-ghodda tieghu. Qal li qatt izjed ma rahhom fuq ix-xoghol u allura rrejalizza li kienu tkeccew mill-impieg.

**Godwin Micallef** xehed li bejn Frar 2011 u madwar Marzu 2012 kien jahdem bhala *part-time waiter* fl-Iscarlet Restaurant. Kompla li nhar is-16 ta' Mejju, 2011, dahal xoghol fis-18.30 u ghal habta tas-19.00 Jarbo qallu li kellu bzonn johrog ghax kellu loghba *billiard*. F'xi t-20.00, ix-xhud qal li cempel Jarbo, fejn gie nfurmat li x-xoghol kien kwiet, pero' ghall-habta tad-21.00, ix-xhud stqarr li cempillu hu personalment sabiex jigi ghax kienu *busy* , fejn min-naha tieghu Jarbo wiegeb li ma setax jigi dak il-hin ghax kien qed jiehu sehem f'*tournament* tal-billiard gewwa d-Downtown Bar f'San Gwann. F'xi 22.00, ix-xhud qal li bghatlu SMS fejn infurmah li issa kienu *busy* hafna u li kellu bzonnu. Peress li sal-22.30 kien ghadu ma giex lura, x-xhud qal li bghatlu zewg *SMS'*s, fejn heddu li jekk mhux gej minnufih huwa kien ser jaqbad u jitlaq il-barra mir-restaurant. Micallef qal li Jarbo gie lura f'xi l-23.00, fejn skuza ruhu u qallu li kellu *puncture*.
Xi jumejn wara x-xhud qal li kien tkellem ma' Steve id-Direttur dwar din l-istorja, fejn wara Jarbo gharrafu li b'rizultat ta' dak li gara kien qala' *warning*.
Micallef kompla bix-xhieda tieghu fejn qal li ftit wara li tkeccew mill-impieg kienu cemplulu David Calleja u Ashraf Jarbo sabiex ikunu jafu l-opinjoni tieghu, pero' huwa stqarr li ma seta' jghidilhom xejn ghax dakinhar tas-7 ta' Lulju, 2011, huwa ma kienx xoghol.
Ix-xhud zied jghid li Jarbo qallu li dakinhar huwa u Calleja kienu d-Downtown Bar u mhux Baystreet.

**Louise Faure** xehdet li hija kienet tahdem bhala *Manager* mas-Socjeta' ntimata u kienet taf lill-Appellanti Jarbo u Calleja bhala kollegi taghha fil-kapacita ta' *Restaurant Manager* u *Head Chef* rispettivament.

Fir-rigward ta' dak li gara nhar it-Tnejn 4 ta' Lulju, 2011, ix-xhud qalet li dakinhar Jarbo kien fuq tlett ijiem *leave*. Xehdet li f'dak il-jum wara nofsinhar John Munro' wiehed mic-*Chefs*, infurmaha li kien hemm *Chef* gdid li qatt ma kien iltaqa' mieghu qabel u li dan kien nieqes sew mill-esperjenza bil-konsegwenza li flok jghinu aktar beda jfixxklu. Tant li kien iddecieda li jibghatu l'hemm allavolja dakinhar il-volum tax-xoghol kien wiehed *busy*. Meta staqsietu fejn kien Calleja, Munro' nfurmaha li dan kien Sqallija. Ix-xhud sqarret li kienet konfuza ghax l-*off day* ta' Calleja normalment tkun nhar ta' Tlieta u dakinhar kien it-Tnejn u hija ma kienetx infurmata li Calleja ma kienx diehel xoghol.

Dwar din l-assenza x-xhud qalet li xi gimgha qabel Calleja kien semma' li kien imhajjar imur Sqallija, pero' qatt ma kkonferma li ser ikun bil-*leave* ghax li kieku kien jaghtiha *hand-over* kif normalment jigri.

Fir-rigward ta' dak li gara nhar is-7 ta' Lulju, 2011, ix-xhud qalet li dakinhar kienet bl-*off-day* taghha, fejn ghal xi l-habta tat-20.30 waqt li kienet mall-*partner* taghha Steve Aquilina li huwa id-Direttur tas-Socjeta' ntimata, ppruvat iccempel lil Calleja sabiex jippreparalhom xi ikel ghal xi granet ta' wara. Pero' ma rnexxiliex taghmel dan peress li l-*mobile* tieghu beda jindika li hu okkupat. Ix-xhud kompliet li fil-frattemp Steve Aquilina dahal fuq is-*CCTV System* permezz tal-*computer f*ejn ra li l-Appellanti Jarbo u Calleja ma kienux fuq ix-xoghol. Ghal xi 20.40 irnexxilha taghmel kuntatt bil-*mobile* ma' Jarbo, fejn infurmaha li kien ma' Calleja gewwa Bay Street fejn kienu qed jiehdu *drink*. Dak il-hin hija ghaddiet il-*mobile phone* lil Steve Aquilina.

Ix-xhud qalet li normalment il-*break* jittiehed waqt ic-*change of shift* u cjoe bejn is-18.00 u is-19.00.

**Louis Farrugia** xehed li huwa l-*Accountant* tas-Socjeta' ntimata u li f'jum ta' Tlieta liema data ma setax jiftakar, ghal habta tal-11.00-11.30 waqt li kien fl-ufficcju tas-Socjeta' ntimata jaghmel l- *accounts* fil-presenza ta' Steve Aquilina, dahal *Chef* ingliz jismu John fejn gharraf lil Aquilina li fil-jum ta' qabel minflok l-Appellant David Calleja l-*Head Chef* irrapurtat ghax xoghol persuna li ma kienet xejn kapaci fuq xogholha.

Meta Aquilina staqsa lil dan ic-*chef* fejn kien Calleja, dan wiegbu li kien mar Sqallija. F'dak  il-mument ix-xhud qal li Steve Aquilina deher irrabjat hafna kemm ghaliex Calleja falla mix-xoghol minghajr ma avzah, kif ukoll ghax dan qabad u mpjega persuna minghajr ma huwa kien jaf.

Ix-xhud kompla li ftit tal-hin wara dahal fl-ufficcju Calleja, fejn f'atmosfera ta' rabja, gie mcanfar anke bi kliem baxx minn Steve Aquilina. Aquilina nforma lil Callejja li kien qieghed jaghtih *warning* u wissieh sabiex ma jergax jaghmilha. Ix-xhud qal li din id-diskursata damet bejn minuta u zewg minuti.

**Steve Aquilina** xehed li huwa Direttur tal-kumpanija. Fir-rigward ta' Ashraf Jarbo ix-xhud qal li apparti li dan kellu l-kariga ta' *Restaurant Manager* huwa kien ukoll wiehed mis-*substitute licensees*. Spjega li dan l-intrigu igorr mieghu r-responsabilita li meta ma jkunx prezenti fuq il-lant tax-xoghol il-*licensee* propju, dan is-sostitut irid ikun prezenti.
Ix-xhud qal li nhar it-18 ta' Mejju, 2011, huwa kien ta' *warning* lil Jarbo ghax dan kellu drawwa li jaqbad u jitlaq minn fuq il-post tax-xoghol anke meta jkun *substitute licensee* wahdu, u rrakonta kif jumejn qabel, Jarbo kien telaq minn fuq ix-xoghol bejn is-18.00/18.30 u l-23.00. Ix-xhud stqarr li kien gie konxju ta' dan il-fatt minn Godwin Micallef li f'dak il-jum kien xoghol bhala *waiter*. Ix-xhud qal li flimkien ma' l-ghoti tal-*warning* , Jarbo dakinhar gie mwissi li repetizzjoni ta' tali agir kien ifisser it-tmiem tal-impieg. Ix-xhud qal dan fil-waqt li esebixxa kopja ta' *attendance punches*, li kienu jindikaw li fi tlett okkazjoniiet precedenti ghall-kaz tas-16 ta' Mejju, 2011, Jarbo kien illarga minn fuq il-post tax-xoghol. Ix-xhud qal li huwa qatt ma gie nfurmat minn Jarbo li nhar ta' Tnejn fil-ghaxija spiss ikollu kompetizzjonijiet tal-*billiard* u qatt ma staqsih dwar xi rizultati ta' tali kompetizzjonijiet.
Ix-xhud kompla li fis-7 ta' Lulju, 2011, huwa pprova jkellem lil David Calleja l-*Head Chef* bit-telefon, pero' beda jsibu okkupat. Fil-frattemp huwa ghamel kuntatt mar-*restaurant* permezz tas-*CCTV*, fejn ittenda li la Jarbo u l-anqas Calleja ma kienu fuq il-lant tax-xoghol u dan meta r-*restaurant* kien visibilment *busy*.
Meta fid-20.40 rnexxilu jaqbad bit-telefon ma' Jarbo, dan min-naha tieghu wiegeb li kien mar mall-*Head Chef* Calleja jiehu *drink* minn Bay Street waqt li fir-*restaurant* ma kienx hemm nies. L-assenza ta' Jarbo dakinhar fissret ukoll li ma setghetx tigi mplimentata skema ta' *discounts* lill-klijenti. Dan peress li l-awtorizzazzjoni sabiex jitnaqqsu l-kontijiet setghet issir biss mill-*Manager on duty*. Dan ikkawza mbarazzament kbir u lmenti ghax minkejja li l-klijenti kienu ntitolati ghat-tnaqqis fil-kont dan ma setax isir.
Ix-xhud qal li mis-sistema tal-*attendance punching* rrizultalu li Jarbo u Callejja kienu illargaw minn fuq ix-xoghol fis-19.13 u dahlu lura fid-20.55. Ix-xhud qal li dakinhar l-Appellant kien dahal xoghol fil-11.30 u kien xoghol gurnata kollha u cjoe sa '*the end of business*'.

Spjega li l-*break* normali jittiehed bejn is-18.00 u is-19.00 u dan barra l-*coffee* u s-*cigarette breaks* li setghu jittiehdu b'mod sporadiku. Kompla li meta *licensee* ikun wahdu huwa ma setax jillarga minn fuq il-lant tax-xoghol anke waqt il-*break.*
Fir-rigward ta' David Calleja, x-xhud qal li nhar il-5 ta' Lulju, 2011, ghall-habta tal-11.30 kien tkellem ma' Joe Munro' fejn ghaddielu kumplimenti ghax fil-lejla ta' qabel il-volum tax-xoghol kien wiehed tajjeb. Min-naha tieghu Munro' spjegalu li mil-lat ta' *operations* is-serata kienet wahda kaotika, fejn irrakontalu li Calleja ma kienx irraporta ghax-xoghol ghax kien mar Sqallija u minfloku ngagga zaghzugh li rrizulta li kien inkompetenti ghall-ahhar. Ix-xhud spjega li meta xi hadd mill-*Managers* ikunu jridu jiehdu il-*leave*, huwa jrid ikun avzat minn gimghatejn qabel, xi haga li Calleja ma ghamilx. Dwar l-ingagg taz-zaghzugh, ix-xhud qal li ma kien jaf b'xejn. Spjega li normalment qabel persuna tigi ngaggata, tinghata t-tahrig adegwat u jekk jirrizulta li din tkun tajba, jsir ingagg regolari billi timtela l-*engagemenet form* tal-ETC. Fir-rigward ta' dan iz-zaghzugh minn dan ma sar xejn minkejja li Calleja kien jaf b'dawn il-proceduri, kompla x-xhud.
Ix-xhud qal li dwar dan kollu, dakinhar stess kellu diskursata iebsa ma' Calleja fejn kellmu hazin qabel tah *warning*. Mistoqsi mill-Avv. Galea Debono jekk tahx ic-cans lil Calleja jispjegalu li fil-fatt dan iz-zaghzugh kien fuq prova, x-xhud fil-waqt li b'mod dirett ma rrispondix din id-domanda, qal li dan ma setax kien il-kaz ghaliex Calleja nnifsu dakinhar ma kienx xoghol u ghaldaqstant ma setax jippruvah.Fil-waqt illi qal li meta z-zewg Appellanti ntemmilhom l-impieg minflokhom ma gie mpjegat hadd, ix-xhud stqarr li d-decizjoni li ha nhar is-7 ta' Lulju, 2011, u cjoe meta temm l-impieg taz-zewg Appellanti kienet wahda li ma ttiehdetx b'mod kapriccjuz, anzi din ittiehdet fil-bidu tas-Sajf fejn fissret li fl-aqwa zmien, l-*business* gie *understaffed*, tant li r-*restaurant* kellu jinzamm maghluq filghodu. Meta mistoqsi minn Dr. Galea Debono jekk l-impieg tal-Appellanti kienx sar ghaliex ir-*restaurant* kien qieghed ibati u allura kienx hataf ix-xoqqa f'moxtha u kecciehom minflok ghamilhom *redundant*, ix-xhud cahad dan.
Ix-xhud ikkonkluda x-xhieda tieghu billi qal li minkejja li x-xitwa ta' qabel kienet wahda pjuttost iebsa ghal *business*, iz-zewg Appellanti xorta nzammu jahdmu mas-Socjeta' ntimata.

**David Calleja** l-Appellant xehed li huwa kien jahdem gewwa r-*restaurant* Scarlet Lounge bhala *Head Chef* u dam jahdem hemmhekk madwar sena u xahar. Qal li l-gimgha tax-xoghol tieghu kienet wahda ta' 48 siegha u kien ikollu jumejn *off* jew gieli anke tlieta. Qal li fil-waqt li huwa kien inkarigat

ifassal ir-*rosters t*ax-xoghol ta' l-*istaff* tal-kcina, Steve Aquilina kien hafna drabi jiccekkjahom. Ix-xhud qal li normalment l-*off-day* tieghu kienet tkun it-Tlieta. Kompla li huwa kellu zewg incidenti fuq il-post tax-xoghol qabel intemmlu l-impjieg.

L-ewwel incident kien sehh nhar it-Tnejn 4 ta' Lulju, 2011 fejn dakinhar ix-xhud qal li kien *off duty*. Kompla li xi gimgha qabel huwa kien ghamel l-*interview* lil dak ic-*Chef* zaghzugh li kien haraq idejh bit-tagen. Qal li dan kellu jidhol ghax-xoghol bi prova dakinhar tat-Tnejn peress li nhar ta' Tnejn u Tlieta ix-xoghol ma jkunx *busy*. Qal li dakinhar kien mar Sqallija meta allura kien *off* u mhux *leave*. Qal ukoll li huwa kien ilu jaf minn gimghatejn qabel li kien sejjer Sqallija. Ix-xhud sostna li ma dehrlux li kellu jkun hemm hu galadarba dan iz-zaghzugh kunjomu Gulivo kien dahal sabiex jippruvawh jekk huwiex tajjeb u mieghu kien hemm *Chef* iehor Joe Munro'. Spjega li jekk l-ewwel *feedback* fuqu kien ikun posittiv, kien imbaghad jassessjah hu, u wara jiehu decizjoni jkunx impjegat jew le. Ix-xhud kompla li l-ghada t-Tlieta, li kienet ukoll gurnata *off*, ghal xi l-11.30 cempillu d-Direttur Steve Aquilina fejn qallu sabiex imur ikellmu.

Ix-xhud kompla li meta mar, huwa kellu mieghu lil bintu ta' sentejn u nofs. Stqarr li meta dahal fl-ufficcju kien hemm Lewis l-*accountant* fejn id-Direttur Aquilina qallu sabiex jiskuzah ghaliex kien ser ikellmu b'ton arroganti. Ix-xhud qal li d-Direttur kien qallu li il-gurnata ta' qabel kienu *busy* u staqsieh minn kien dak ic-*Chef* il-gdid, dan fil-waqt li sar ahmar u beda jghajjat u jwerzaq u jidghi bil-Madonna.

Ix-xhud qal li d-Direttur beda jilmenta ghaliex il-gurnata ta' qabel hadha *leave* meta kien ser ikun hemm dan il-guvni gdid. Ix-xhud qal li ipprova jispjegalu li huwa kien *off* u mhux *leave* izda ma tahx cans jaghmel dan. Ix-xhud qal li f'dak il-mument qallu li ma setghux jirragunaw b'dak it-ton u qabad it-tifla u telaq il-barra. Ix xhud qal li dan l-inkontru dam madwar 4 minuti.

Dwar it-tieni ncident u cjoe dak ta il-Hamis 7 ta' Lulju, 2011, ix-xhud qal li kien beda xoghol fil-11.30 fejn kien xoghol wahdu bhala *Chef*, peress li Munro' l-*part-time chef* l-iehor kellu jidhol xoghol fis-18.00.

Qal li dakinhar kien xoghol ukoll Jarbo il-*Manager*. Ix-xhud kompla li huwa ha l-*break* tieghu fejn ippancja fis-19.15 flimkien ma' Jarbo, pero' fil-fatt telqu mill-*premises* fis-19.30.

F'dan il-waqt spjega li t-tul tal-*break* kien ivarja, jiddependi fuq il-volum tax-xoghol, fejn qal li l-*break* gieli jkun ta' siegha u anke ta' saghtejn. Qal li qabel ma hareg bil-*break* kien qal lil Munro li jekk jigri xi haga waqt li huwa jkun barra sabiex icempillu halli jigi mil-ewwel peress li kien ikun f'dik l-

akwata li skond ix-xhud kienet Baystreet, xi hames minuti boghod mir-*restaurant.*
Ix-xhud kompla li f'xi d-20.40 cempillu fuq il-*mobile* d-Direttur Aquilina u staqsih fejn kienu u dan fost hafna ghajjat, twerziq u dagha. Ix-xhud qal li d-Direttur ordnalu sabiex jirritorna ghax-xoghol u hekk ghamel fejn ippancja li dahal lura fid-20.55. U cjoe ghaxar minuti wara u mhux kif xehed id-Direttur fejn kien qal li hadu 20 minuta sabiex jirritornaw lura sostna ix-xhud.
Ix-xhud qal li meta wasal, kellem lil Munro' fejn dan qallu li d-Direttur ried timpana ghaliex kien sejjer *weekend* fuq il-*boat* ma' bintu u ma' Louise. Munro' qallu ukoll li l-makna tal-*orders* ma kienetx qed tahdem. Ix-xhud kompla li ghal xi l-23.00, minghajr l-ebda spjegazzjoni gie d-Direttur fejn qallu sabiex jiehu l-affarijiet tieghu u jitlaq il-barra mill-istabbiliment u li ma riedx jarah izjed b'ghajnejh. Qal li meta nizel isfel iltaqa' ma' Louise li min-naha taghha qaltlu li kienet dispjacuta fuq dak li gara.
Ix-xhud sostna li fiz-zmien li ghamel impjegat qatt ma nghata *warnings* bil-miktub. Dwar dak li gara fl-4 ta' Lulju, ix-xhud qal li d-Direttur qed jghid li kien tah *warning* verbali, pero' hu qatt ma semghu jghid hekk.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Ian Spiteri Bailey** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata beda l-argumenti tieghu billi qal li s-Socjeta' ntimata fil-mument li gie tterminat l-impjieg kellha ragunijiet gusti sabiex tasal ghal din id-decizjoni. Huwa qal li mhux ser joqghod jidhol fid-dettall tal-episodji li wasslu ghad-decizjoni li jintemm l-impjieg izda ser jishaq fuq li t-tmiem tal-impjieg kien rizultat tan-nuqqasijiet ta' ubbidjenza, ko-opereazzjoni u rispett lejn l-*Employer*. Dr. Spiteri Bailey sostna li l-ordnijiet legittimi tal-*Management* ghadhom jigu osservati bir-reqqa, minghajr suppervja u bla tintif ta' insuburdinazzjoni. Huwa rrefera ghal u spjega l-gravita ta' episodji varji fejn skont hu kien hemm dawn il-principji neqsin. Temm billi sahaq illi l-agir tal-Appellant ma kienx wiehed li kien mistenni partikolarment fil-kariga okkupata f'din l-azjenda.

**Dr. Richard Galea Debono** ghan-nom tal-Appellanti beda billi qal li bir-ragun kollu li l-parti l-ohra minflok fuq trattazzjoni fuq id-dettal tal-fatti ghazlet li tibbaza fuq il-principji ghaliex taghraf li propju huma l-fatti li ma jaghtuwiex ragun. Dr. Galea Debono spjega li l-episodju ahhari li wassal ghat-temm tal-impjieg kien ibbazat fuq skartar waqt il-hin tax-xoghol, mentri f'dak il-hin l-Appellanti kienu *'punched out'* ghaliex kienu qeghdin

jiehdu l-*break* taghhom. Dr. Galea Debono sostna li d-decizjoni li jintemm l-impjieg ittiehdet mid-Direttur f'sahna ta' rabja u f'nuqqas ta' kalma u ragunament. L-Avukat sostna li meta d-Direttur gie konxju li l-Appellanti ser jibdew proceduri legali kontrih, kien kostrett jibni sensiela ta' avvenimenti sabiex jiggustifikaw l-agir tieghu. Dr. Galea Debono elenka xi whud minn dawn l-avvenimenti fejn spjega l-attegament gustifikabbli tal-Appellanti fihom. Dr. Galea Debono ghalaq billi qal li d-Direttur ha d-decizjoni sproporzjonata li jtemm l-impjieg tal-Appellanti f' mument nervuz u b'atteggament ta' suppervja. Kompla Dr. Galea Debono, li dan it-tip t'attegament gie sponut anke mill-*Accountant* waqt ix-xhieda tieghu.

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Dan il-kaz jinkwadra decizjoni ta' temm t'impjieg li ttiehdet b'mod instantanju kagun ta' ncident partikolari. Fejn pero', skont l-*Employer* dan kien biss wiehed minn 'katina ta' nuqqasijiet' precedenti, fejn l-Appellant naqas b'mod flagranti milli josserva proceduri stabbiliti fit-tehid tal-*leave*, fir-reklutagg ta' persuni, kif ukoll fit-tehid tal-*break*.

It-Tribunal irid jiddeciedi l-'kolpevolezza o meno' u l-gravita ta' dawn in-nuqqasijiet fil-kuntest li l-Appellant fil-kariga ta' *Head Chef* u allura fejn bhala parti ntegrali mil-*management team* kien fl-obbligu li mhux biss josserva l-proceduri stabbiliti izda mghobbi bir-responsabilita li jkun ta' ezempju ghall-kumplament ta' l-istaff.

Fid-deliberazzjoni meqjusa tieghu tal-fatti kif gew sponuti f'dan il-process jirrizulta b'mod car ghat-Tribunal li l-Appellant wettaq xi nuqqasijiet minn dawk li semma l-*Employer*. Anke jekk, it-Tribunal jinnota li l-proceduri generali f'dan il-post tax-xoghol ma kienux stabbiliti b'mod car fejn certa flessibilita fl-osservanza taghhom kienet prattikament tollerata.

B'mod parikolari fuq l-*issue* tal-*break*, it-Tribunal fil-waqt illi jifhem li mpjegat anke jekk f'kariga manigerjali ghandu dritt sagrosant illi jkollu hin adekwat ta' mistrieh permezz ta' *break*, ma jfissirx illi dan ghandu jsir billi jillarga minn fuq il-post tax-xoghol u dan b'tali mod li jpoggi lilu nnifsu f'posizzjoni li ma jkunx facli li jigi kkuntattjat kif u meta jkun mehtieg.

It-Tribunal jinnota l-mod sommarju li bih ittiehdet id-decizjoni tat-terminazzjoni tal-impieg min-naha tas-Socjeta' ntimata.

- **Decizjoni**

Wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddikjara li fil-waqt illi jara li dan it-temm tal-impieg kien gustifikat bil-fatt illi l-komportament generali tal-Appellant kif sponut f'dan il-process ma kienx denju ta' persuna li kienet tokkupa kariga manigerjali, mill-banda l-ohra dan it-Tribunal ma jhossx illi kien korrett illi l-Appellant kellu jigi mkecci bil-mod kif gie mkecci.

Dan it-Tribunal qieghed jiccensura biss lis-Socjeta' ntimata ghall-mod degradanti li bih tkecca l-Appellant u jordna li unikament ghal din ir-raguni s-Socjeta' ntimata thallas kumpens lill-Appellant fis-somma nominali ta' €500. Liema hlas irid isir fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)

**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**